

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10944/26

ECOFIN 872
UEM 291
SOC 420
EMPL 227
COMPET 822
ENV 799
EDUC 283
ENER 431
JAI 865
GENDER 117
JEUN 160
SAN 508
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	NOTA TA' SPJEGAZZJONI TAL-KUNSILL Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2026

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż in-nota ta' spjegazzjoni finali li takkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2026.

Nota ta' spjegazzjoni

*Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill
lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew*

L-Artikolu 29 tar-Regolament 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 jgħid li "*Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament*".

Fir-rigward ta' din ir-regola "ikkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet li qabel li jagħmel fir-rigward tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) dwar l-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2026 li dwarhom il-Kummissjoni ma taqbilx.

Il-Kunsill qabel ukoll dwar għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għaċ-Ċekja

Test tal-Kummissjoni:

Ittejjeb il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali billi tespandi r-rwol tas-setturi pubbliċi u mingħajr skop ta' qligħ u thegġegħ użu aktar effiċjenti tal-akkomodazzjoni eżistenti permezz ta' riformi tat-taxxa fuq il-proprjetà u fuq l-introjt.

Test maqbul:

Ittejjeb il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali billi tespandi r-rwol tas-settur pubbliku u dak mingħajr skop ta' qligħ u thegġegħ użu aktar effiċjenti tal-akkomodazzjoni eżistenti [...].

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill iqis li l-miżuri tat-taxxa għandu jkollhom prinċipalment rwol komplementari biex itejbu l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, meta dan ikun influwenzat minn fatturi strutturali oħra.

Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għal-Litwanja

Test tal-Kummissjoni:

Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż billi tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji, ittejjeb il-likwidità tas-suq kapitali, tinkoraġġixxi parteċipazzjoni akbar fis-swieq finanzjarji, u ssaħħa l-iskemi ta' pensjoni supplimentari ffinanzjati.

Test maqbul:

Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż billi tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji, ittejjeb il-likwidità tas-suq kapitali, thegheg parteċipazzjoni akbar fis-swieq finanzjarji [...].

Spjegazzjoni:

Għal-Litwanja, il-Kunsill ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tat-tisħiħ tal-iskemi tal-pensjoni supplimentari biex jitejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, peress li dawn fit li xejn ikkontribwew għall-aċċess għall-finanzi f'dan il-pajjiż u ddiregaw it-tfaddil barra mill-UE.

Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għal Malta

Test tal-Kummissjoni:

Issaħħa ir-riċerka u l-innovazzjoni billi żżid l-investment pubbliku fir-R&Ż u tistimula l-investment privat fir-R&Ż permezz ta' skemi ta' appoġġ effettivi u rabtiet aktar b'saħħithom bejn l-akkademja u n-negozju.

Test maqbul:

Tkompli ssaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni billi żżid l-investiment pubbliku fir-R&Ż u tistimula l-investiment privat fir-R&Ż permezz ta' skemi ta' appoġġ effettivi u rabtiet aktar b'saħħithom bejn id-dinja akkademika u n-negozju.

Spjegazzjoni:

Il-Kunsill jirrikonoxxi ż-żidiet ta' Malta fin-nefqa fir-R&Ż f'termini nominali kif irrappurtat mill-Eurostat.

Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 għal Spanja

Test tal-Kummissjoni:

Tiżviluppa aktar il-qafas ta' finanzjament għad-diżastri.

Test maqbul:

[...]

Il-Kunsill ma jqisx li hemm bżonn li jirrakkomanda lil Spanja tiżviluppa aktar il-qafas ta' finanzjament għad-diżastri. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' monitoraġġ mill-qrib tal-qafas ta' finanzjament għad-diżastri ta' Spanja kif deskritt fil-premessa 32 tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-2026 għal Spanja.